

# Xi Tagħrif u Ħsibijiet fuq l-Innu "Lil Dun Mikiel Xerri" ta' Dun Karm



kitba ta' Toni Cortis

F'għeluq il-mitejn sena mit-twelid ta' Dun Mikiel Xerri fl-1937 saru ċelebrazzjonijiet kbar ta' tifkira, speċjalment f'Ħaż-Żebbuġ, raħal twelidu. Għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet solenni twaqqaf kumitat b'Dun Karm Psaila bħala President Onorarju, l-Arċipriet Salvatore Milanesi President Effettiv, Dun Anton Cilia Segretarju u tmin membri oħra fosthom ħames saċerdoti u tlett sekolari.



L-eroj nazzjonali Dun Mikiel Xerri

F'Awwissu ta' dik is-sena s-segretarju ta' dan il-kumitat, Dun Anton Cilia kiteb ittra lil Maestro Carlo Diacono li kien il-Maestro di Cappella tal-festa ta' San Filep u fost affarijiet oħra semmielu "un bell'inno" miktub "per l'occasione (da) Mons Psaila."

Ma kinetx ħaġa diffiċli għal Dun Karm li jikteb Innu lil Dun Mikiel Xerri, qassis u Żebbuġi bħalu. Ħarsa lejn il-ġabra tal-poeżiji ta' Dun Karm, nintebħu b'ta' lanqas tliet poeżiji oħra[1] fejn Dun Karm isemmi lil dan is-saċerdot qalbieni li għall-qawwa li wera quddiem l-għedewwa kienu jiftaħru bih Atene u Ruma. Il-figura ta' Dun Mikiel Xerri kienet issaħħru lil Dun Karm u fost il-ġrajjiet kbar ta' Malta kien iqisu wieħed mill-ewlenin.

X'nebbħu arloġġ wieqaf f'Mużew? Meta? Kif? X'ħin waqaf dan l-arloġġ? Dun Karm stess jagħti t-tweġiba:

Meta l-kbir Dun Mikiel Xerri,
Wild u ġieh tal-art Maltija,
B'qalb ta' sur u fehma mqaddsa
B'kelma taqta', iżda bla ħtija

Lill-fizzjal li għamel minnu
Tah l-arloġġ l'hu kien iġib,
U bla herra, mingħajr lewma,
"Ħa, dan lilek", qal, "ħabib,

Biex tkun pront, x'ħin ngħidlek jiena,
L-amar tagħti jsir in-nar,"
U ftit wara "Viva Malta!"
Għajjat f'siktu u ... sar li sar.

Jiena naħseb illi jlumni
Ħadd ma jista' minn dal-ħjiel;
Sew mat-tir tal-azzarini
Miet l-arloġġ u Dun Mikiel.

Għal Dun Karm, Ħaż-Żebbuġ u Dun Mikiel kienu sinonimi, wieħed ifakkru fl-ieħor. Dun Karm kien iħobb lil Ħaż-Żebbuġ b'imħabba vera, b'imħabba disinteressata. Kien iħossu kburi li hu Żebbuġi u mhux darba u tnejn meta xi ħadd kien jistaqsieħ minn fejn hu, kien pront jissellef kliem San Pawl u "*Zebbugiensis sum*" iwieġbu.

Ma' Dun Mikiel, Dun Karm kien iħoss affinità ambjentali u spiritwali. Dun Karm tgħammed fl-istess fonti fejn kien tgħammed Dun Mikiel; ġera fl-istess toroq u widien li minnhom għadda qablu

Dun Mikiel. It-tnejn għażlu t-triq tas-saċerdozju, it-tnejn imxew l-istess korsija li wasslithom sal-artal fejn offrew imħabbithom lil Alla taħt il-ħarsien tal-"Missier maħbub Filippu". Għalhekk Dun Karm ma setgħax isib mudell aħjar minn Dun Mikiel biex jixpruna lill-kompajżani tiegħu ħalli jqumu mit-telqa li rebħithom, "Ftakar," jgħid lil Ħaż-Żebbuġ , "ftakar li qabilek / qatt ma ħamel l-ebda xkiel / La tinsiex illi demm tiegħek / kien Vassalli u Dun Mikiel'.

Meta fl-1937 ġie biex jikteb 'Innu lil Dun Mikiel Xerri' beda b'apostrofu lil Ħaż-Żebbuġ. "Raħal xemxi, belt is-saħħa" u minnufih fl-ekonomija ta' tmin versi jgħid x'wassal biex "bħal Sansun miet Dun Mikiel". U mill-ġdid jerġa' jdur lejn iċ-ċittadini ta' Ħaż-Żebbuġ u jfakkarhom biex quddiem il-qerq u l-ħażen jibqgħu dejjem irġiel, id-demm safi f'nofs il-misraħ għadu hemm bħala tifkira dejjiema.


Zebbug
11 Agosto 1937

Egregio Signor Maestro,
domenica scorsa dopo la Messa solenne di Don Pio Farrugia avrei voluto vedere la S.V. ma non mi son riuscito.
Quest'anno la festa della B.V. dei Dolori ricorre il 19 Settembre. Come al solito faremo a musica i II Vesperi; il prezzo sarà quello dell'anno scorso, non è vero? Forse Le riesce nuovo che adesso da circa dieci mesi io sono il Procuratore della Confraternita: un peso nuovo che avrebbero fatto bene a non imporre sulle mie povere spalle....
Lei avrà già forse sentito parlare che intendiamo fare una Solenne Commemorazione al Zebbug di Don Michele Xerri. Per l'occasione Mons. Psaila ci ha scritto un bell'inno di cui accludo copia. Il Comitato mi ha incaricato di invitare la S.V. a voler musicarlo perchè poi in seguito sia adattato alla Filarmonica e cantato dai ragazzi. Cosa ne dice Lei? Noi ne saremmo tanto grati verso di Lei.
Distinti ossequi. Devmo Suo, D. Antonio Cilia

Ittra ta' Dun Anton Cilia

---

*Saru referenzi għal dawn il-poeżiji ta' Dun Karm: "Għal Dun Mikiel Xerri", "il-Mużew", "Innu popolari Lil San Filippu t'Aġġira", "Lil Ħaż-Żebbuġ" u "Innu lil Dun Mikiel Xerri".*

Żebbuġ
11 ta' Awwissu 1937

Għażiż Surmast,

Il-Ħadd li għadda, wara l-quddiesa solenni ta' Dun Piju Farrugia xtaqt kieku nkellmek iżda ma rnexxielix.

Din is-sena l-festa tal-Madonna tad-Duluri sa taħbat fid-19 ta' Settembru. Bħas-soltu nagħmlu s-sekondi vespri bil-mużika, il-ħlas bħas-sena l-oħra, hux hekk? Forsi ma smajtx iżda minn xi għaxar xhur 'l hawn sirt il-Prokuratur tal-Fratellanza (Tad-Duluri): piż ġdid li kien ikun aħjar li ma poġġewhulix fuq spalleja dagħajfa ...

Jista' jkun li int diġa smajt li beħsiebna nagħmlu tifkira solenni għal Dun Mikiel Xerri, f' Ħaż-Żebbuġ. Mons. Psaila kitbilna innu sabiħ li tiegħu qed nehmiżlek kopja. Il-kumitat inkarigani nistiednek timmużikah – jekk inti tixtieq, biex wara jiġi adattat għall-banda u kantat mit-tfal.

Tislijiet
Tiegħek Dun Anton Cilia

---

*Din t'hawn fuq hija l-ittra bil-Malti li Dun Anton Cilia (wara kien laħaq Monsinjur) kiteb lis-Surmast Carlo Diacono. Barra t-tagħrif dwar l-Innu lil Dun Mikiel Xerri, nsiru nafu meta ċċelebra l-quddiesa solenni Dun Piju Farrugia – wieħed mill-membri tal-kleru li ffurmaw il-kumitat organizzattiv tat-tifkira f'ġieħ Dun Mikiel Xerri.*